MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 806/2013

**Wara l-bejgh bis-Subbasta Numru 14/09 u fl-atti tac-Cedola Numru 649/09 fl-ismijiet :**

**Michael Attard Limited (C32362)**

***kontra***

**Lee Nathan Mayne**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors li s-socjeta` Michael Attard Limited ipprezentat fit-<u>23 ta` Awwissu 2013</u> li jaqra hekk :-

*Illi l-kumpannija esponenti hija kreditrici tal-intimat fis-somma ta` €1,625.79 (elf sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u disgha u sebghin centezmu) oltre l-imghax u l-ispejjez, dana skont sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 23 ta` Settembru 2008 ;*

*Illi l-kumpannija esponenti hija kreditrici tal-intimat fis-somma ta` €2,470.08 (elfejn erba` mija u sebghin Ewro u tmien centezmi) oltre l-imghax u l-ispejjez, u dana permezz ta` ittra ufficjali numru 2981/08 intavolata ai termini tal-artikolu 256(2) u 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi l-kumpannija esponenti hija kreditrici tal-intimat fis-somma ta` €2,161.32 (elfejn mija u wiehed u sittin Ewro u tnejn u tletin centezmu) oltre l-imghax u l-ispejjez, u dana permezz ta` ittra ufficjali numru 599/09 intavolata ai termini tal-artikolu 256(2) u 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi l-kumpannija esponenti hija kreditrici tal-intimat fis-somma ta` €1,852.56 (elf tmien mija u tnejn u hamsin Ewro u sitta u hamsin centezmu) oltre l-imghax u l-ispejjez, u dana permezz ta` ittra ufficjali numru 3748/09 intavolata ai termini tal-artikolu 256(2) u 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi l-kumpannija esponenti hija kreditrici tal-intimat fis-somma ta` €1,625.78 (elf sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tmienja u sebghin centezmu) oltre l-imghax u l-ispejjez, dana skont sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 17 ta` Settembru 2010 ;*

*Illi ghalhekk l-ammont komplessiv dovut mill-intimat lill-kumpannija esponenti jammonta ghal €9,735.53 (disat elef seba` mija u hamsa u tletin Ewro u tlieta u hamsin centezmu) u dana oltre l-imghaxijiet u spejjez, fir-rigward ta`*

*liema l-kumpannija esponenti tirriserva li tipprezenta prospett dettaljat li jinkludi l-imghaxijiet u l-ispejjez;*

*Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti jirrapprezenta l-bilanc tal-prezz ta` bejgh ta` vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta` registrazzjoni LEE-733 ;*

*Illi in ezekuzzjoni tat-titoli ezekuttivi taghha l-kumpannija esponenti ghaddiet ghall-bejgh in subbasta tal-istess vettura u cioe` dik tal-marka Peugeot bin-numru ta` registrazzjoni LEE-733 dana permezz tas-subbasta numru 14/09 ;*

*Illi dina l-vettura giet mixtrija minn certu Brian Baldacchino u permezz tac-cedola numru 649/09 giet depozitata s-somma ta` €4,500 (erbat elef u hames mitt Ewro) taht l-awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti rapprezentanti l-prezz offrut mill-istess Brian Baldacchino ghax-xiri tal-vettura bin-numru ta` registrazzjoni LEE-733 ;*

*Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa wiehed privileggjat u dana ai termini tal-artikolu 2009(d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta u dana in kwantu riferibbli ghall-vettura tat-tip Peugeot bin-numru ta` registrazzjoni LEE-733 peress illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti jirraprezenta l-prezz tal-bejgh tal-istess vettura li giet mibjugha permezz tas-subbasta 14/09 ;*

*Illi l-kumpannija esponenti pprezentat rikors biex tizbanka s-somma depozitata fic-cedola ta` depozitu numru 649/09, izda dan ma setax isir ghal ragunijiet li jirrizultaw mill-atti tal-istess cedola nkluz l-oppozizzjoni ta` terzi kif ukoll minhabba diversi mandati li ghadhom veljanti fl-imsemmi depositu ;*

*Ghaldaqstant, il-kumpannija esponenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-Artikolu 416 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta :-*

*1. tordna l-ftuh ta` konkors ta` kredituri fuq id-depozitu ta` €4,500 (erbat elef u hames mitt Ewro) appartenenti lill-intimat Lee Nathan Mayne u li giet depozitata permezz tac-cedola ta` depozitu numru 649/09 ;*

*2. tordna, bil-mezz tar-Registratur ta` dina l-Onorabbli Qorti, li, f`gazzetta wahda jew izjed, fosthom f`kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz ikkontemplat fl-artikolu 416(1) tal-Kap 12 u dana oltre kull provvediment necessarju u opportun skont il-Ligi ;*

*3. tordna u tiddeciedi illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti jippregradwa kull kreditu iehor in kwantu jikkostitwixxi l-prezz tal-bejgh tal-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta` registrazzjoni LEE-733 u konsegwentement jippregradwa kull kreditu iehor fil-konkors ta` kredituri fuq id-depozitu ta` €4,500 (erbat elef u hames mitt Ewro) appartenenti lill-intimat Lee Nathan Mayne u li giet depozitata permezz tac-cedola ta` depozitu numru 649/09*

*4. tordna li l-ispejjez ta` dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-kredituri li opponew l-izbank mitlub mill-kumpannija esponenti.*

Rat id-digriet taghha tat-2 ta` Settembru 2013 a tenur ta` l-Art 416 tal-Kap 12.

Rat illi s-socjeta` rikorrenti harget ir-rikors ghan-notifika lil Lee Nathan Mayne, lil Bank of Valletta plc u lil Brian Baldacchino ; it-tlieta kienu notifikati skond il-ligi.

Rat ir-rikors li pprezenta l-Bank of Valletta plc fl-10 ta` Ottubru 2013 li jaqra hekk :-

*1. Illi in forza ta` ittra ufficjali ezekuttiva numru 3777/2009 li kopja taghha qed tigi hawn ezebita u mmarkata ittra 'A' l-esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimat Lee Nathan Mayne fis-somma ta` hamest elef disa` mija u erbgha u tmenin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€5,984.83) kwantu ghal hamest elef tmien mija u sitt Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€5,806.26) sorte u kwantu ghal mija u tmienja u sebghin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€178.57) spejjez tal-procedura skont taxxa hawn annessa u mmarkata dokument 'B', flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta` Lulju 2009 sal-jum tal-pagament effettiv.*

*2. Illi l-bilanc dovut illum mill-intimat Lee Nathan Mayne huwa ta` sebat elef seba` mija u erbgha u sebghin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€7,774.98) flimkien mal-imghax legali mit-8 ta` Ottubru 2013 sal-jum tal-pagament effettiv (vide dokument 'C').*

*3. Illi dan id-debitu jippregradwa dak ta` kwalsiasi kreditur iehor u jinsab kawtelat b`Ipoteka Generali numru I 15850, li kopja taghha qed tigi hawn ezebita u mmarkata dokument ittra 'D'.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*i) Tammettiha fil-lista ta` kredituri ta` dan il-konkors ta` kredituri ;*

*ii) Tiddikjara illi l-kreditu taghha jippregradwa dak ta` kwalsiasi kreditur iehor ;*

*iii) Tawtorizza lill-esponenti tizbanka mir-Registru ta` din il-Qorti s-somma kollha depozitata permezz tac-Cedola ta` Depozitu numru 649/2009 fl-ismijiet premessi wara li taghti l-opportuni provvedimenti.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors tal-Bank of Valletta plc.

Rat il-kopja legali tac-Cedola ta` Depozitu Nru 649/2009 li pprezenta r-Registratur Qrati Civili u Tribunali fl-udjenza tal-21 ta` Jannar 2014.

Rat illi fl-istess udjenza kien determinat illi ghas-somma depozitata kkonkorrew biss Michael Attard Limited u Bank of Valletta plc.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn innominat lill-Av. Dr. Richard Galea Debono bhala perit legali sabiex, wara li jiehu konjizzjoni tal-atti, jigbor il-provi u jirrelata dwar il-gradwazzjoni tal-krediti pretizi mill-konkorrenti.

Rat il-provi li gabu l-kredituri konkorrenti quddiem il-perit legali.

Rat ir-relazzjoni peritali li kienet prezentata fis-27 ta` Ottubru 2014 u mahlufa fl-udjenza tas-27 ta` Novembru 2014.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Jannar 2015 fejn is-socjeta` Michael Attard Limited iddikjarat li kienet qeghda tirrimetti ruhha ghar-rapport, filwaqt illi s-socjeta` Bank of Valletta plc talbet li tipprezenta nota, talba li kienet milqugha.

Rat id-digriet li tat fl-istess seduta fejn halliet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` li l-partijiet jiskambjaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li pprezentat Bank of Valletta plc fis-26 ta` Frar 2015.

Rat l-atti l-ohra tal-procediment.

**Ikkunsidrat :**

**II. Il-konkorrenti**

Wara bejgh b`subbasta fl-ismijiet *"Michael Attard Limited vs Lee Nathan Mayne"* kienet depozitata taht l-awtorita` tal-qorti permezz ta` cedola ta` depozitu nru 649/2009 is-somma ta` €4,500.

Tnejn kienu l-persuni li talbu li jkunu ammessi (u li fil-fatt kienu ammessi) jikkonkorru ghall-ammont depozitat u cioe` :– 1) is-socjeta` Michael Attard Limited - li tat bidu ghall-procediment ; u 2) is-socjeta` Bank of Valletta plc.

**Ikkunsidrat :**

**III. Ir-relazzjoni peritali**

**a) Il-krediti**

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali jaghmel sintesi tal-provi li gabu l-konkorrenti. A skans ta` ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-analizi li ghamel il-perit legali.

Abbazi ta` dawk il-provi, il-perit legali sab illi l-kreditu ta` Michael Attard Limited jammonta ghal €7,535.65 *piu` l-imghax u l-ispejjez taz-zewg sentenzi li taghhom ma gietx ipprezentata t-taxxa relattiva* waqt li l-kreditu ta` Bank of Valletta plc jammonta ghal €5,806.26 *bl-imghax mill-21 ta` Lulju 2009.*

Ir-relazzjoni peritali fl-assjem taghha tikkostitwixxi prova.

**b)** **<u>Pregradwazzjoni</u>**

Skond il-perit legali, il-**<u>pregradwazzjoni tal-krediti</u>** ghandha tkun din :-

1) **<u>Fl-ewwel grad</u>**, **<u>is-socjeta` Michael Attard Limited</u>** :

*ghas-somma … ta` sebat elef hames mija hamsa u tletin euro u sitta u hamsin centezmu (€7535.65) bl-imghax mid-dati tad-diversi atti u sentenzi, piu` l-ispejjez mhux inkluzi … piu` l-ispejjez tas-subbasta u ta` dawn il-proceduri. Dan minhabba illi jirrizulta sodisfacentement illi l-kreditu jirrisali minn bilanc ta` prezz ta` bejgh ta` oggett mobbli li ghalhekk huwa munit ex lege [Art.2009(d) tal-Kap.16] bil-privilegg specjali fuq il-mobbli in kwistjoni f`dan il-kaz il-vettura tat-tip Peugeot bin-numru ta` registrazzjoni LEE 733 li kienet l-oggett mibjugh fis-subbasta u ghalhekk il-fondi depozitati fic-cedola in kwistjoni huma l-proventi tal-bejgh tal-istess vettura.*

2) **<u>Fit-tieni grad</u>, <u>is-socjeta` Bank of Valletta p.l.c</u>. :**

*ghas-somma … ta` hamest elef tmien mija u sitt euro u sitta u ghoxrin centezmu (€5,806.26) liema kreditu huwa munit b`ipoteka generali numru H.15850/2009.*

**c) Konkluzjoni**

Skond il-perit legali, billi l-ammont depozitat taht l-awtorita` tal-qorti mhuwiex bizzejjed biex tissoddisfa l-kreditu kollu ta` Michael Attard Limited, din ghandha tithalla tizbanka wahedha l-ammont kollu depozitat.

**d) L-ispejjez**

Il-perit legali jaghmel osservazzjonijiet dwar il-kap tal-ispejjez, u jaghti r-ragunijiet ghala, fil-fehma tieghu, ghandha tkun Bank of Valletta plc li tbati wahedha l-ispejjez ta` dan il-procediment. **In sintesi**, ir-ragunijiet kienu :-

1) Bank of Valletta plc ma kienx messha opponiet it-talba ghall-izbank li kienet ghamlet Michael Attard Limited ghax kien evidenti, anke minn esami tal-atti tas-subbasta, li t-titolu taghha kien il-bilanc tal-prezz tal-bejgh ta` vettura Peugoet, liema vetturi jigu mportati Malta minn Michael Attard Limited. Bank of Valletta plc kien messha wriet kawtela u diligenza qabel irregistrat l-opposizzjoni taghha. Ma kellhiex ghalfejn Michael Attard Limited tavza lil Bank of Valletta plc li kellha privilegg specjali ghaliex dak il-privilegg *ex lege* kien jirrizulta mill-atti.

2) Inizjata l-procedura tal-konkors bil-presentata tar-rikors minn Michael Attard Limited, Bank of Valletta plc kien messha rtirat l-opposizzjoni taghha una volta l-privilegg *ex lege* ta` Michael Attard Limited kien ghal darb`ohra kkonfermat. Minflok Bank of Valletta plc sostniet li kellha kreditu li kien jippregradwa dak ta` Michael Attard Limited, li ma kienx il-kaz mill-bidu nett.

**Ikkunsidrat :**

**IV.** **Sottomissjonijiet**

Bank of Valletta plc ipprezentat nota ta` sottomissjonijiet. **In sintesi**, tghid hekk :-

1) Fir-rikors ghal zbank, Michael Attard Limited ma ndikatx ghall-fini ta` eventwali pregradwazzjoni ta` krediti illi kellha privilegg fuq il-flus depozitati u li dawn kienu provenjenti mill-bejgh ta` vettura.

2) Billi hija kellha ipoteka registrata kontra d-debitur, l-uniku haga li setghet taghmel fit-terminu qasir ta` erbat ijiem kien li topponi l-izbank. Ma kienx mistenni minnha li tirricerka l-atti halli taccerta ruhha mill-jeddijiet tal-persuna li talbet l-izbank.

3) Kien bil-procedura tal-konkors li rrizulta l-privilegg ta` Michael Attard Limited. Wara li kienet notifikata bl-atti tal-procediment, kellha l-obbligu li twiegeb sabiex tressaq id-difiza taghha ghala ma kellhiex tbati l-ispejjez tal-procediment. Li kieku fir-rikors ghall-izbank Michael Attard Limited indikat li kellha l-privilegg ma kienx ikun il-htiega li l-bank jopponi l-izbank.

4) Inoltre billi skond l-Art 416 tal-Kap 12 sabiex konkors jiskatta, irid ikun hemm izjed minn zewg persuni li jikkontendu li ghandhom jeddijiet fuq id-depozitu, u fil-kaz tal-lum jirrizulta li kkonkorrew zewg kredituri biss, il-procediment huwa rritwali.

5) Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-bank jikkontendi li m`ghandu jbati l-ebda spejjez.

**Ikkunsidrat :**

**V.** **L-Art 416 tal-Kap 12**

Is-socjeta` Michael Attard Limited ressqet it-talbiet taghha abbazi tal-Art 416 tal-Kap 12 li taqra hekk :-

*(1) Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew iddepozitati flus, illi fuqhom **izjed minn zewg persuni** jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' haddiehor jew qabilhom, jew xi interess iehor, il-qorti, fuq rikors ta' wiehed minn dawk il-pretendenti, tordna, bil-mezz tar-registratur, li, f`gazzetta wahda jew izjed, fosthom f`kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf b'dak id-depozitu u b'dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull min jista' jkollu interess sabiex igib 'il quddiem il-jeddijiet tieghu fi zmien xahar ; u meta jaghlaq dak iz-zmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f'dak iz-zmien, ma tista' twaqqaf jew xort'ohra zzomm il-kawza ta' konkors milli tigi deciza bejn dawk li jkunu dehru.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

*(2) Fl-avviz hawn fuq imsemmi ghandu jkun hemm il-jum li fih, wara li jaghlaq l-imsemmi zmien ta' xahar, il-partijiet interessati kollha li jkunu giebu 'l quddiem il-pretensjonijiet taghhom, ghandhom jidhru fil-qorti ghas-smigh tal-kawza.*

*(3) F'affarijiet tal-kummerc, iz-zmien hawn fuq imsemmi jista' jigi mqassar daqs kemm il-qorti jidhrilha li jkun bizzejjed.*

*(4) Bl-avviz hawn fuq imsemmi ghandhom ikunu nnotifikati d-depozitanti, id-debitur, il-krerituri esekutanti kif ukoll kull kreditur iehor li fuq talba tieghu jkun gie mahrug mandat ta' sekwestru.*

**Huwa evidenti mis-subartikolu (1) illi sabiex tista` tiskatta l-procedura tal-konkors tal-kredituri jrid ikun hemm *izjed minn zewg persuni* (kliem tal-ligi) li jkunu jippretendu li ghandhom jeddijiet aqwa fuq il-flus li jkunu gew iddepositati fil-qrati superjuri.**

**Fil-fehma tal-Qorti, li jkunu *__izjed minn tnejn__* il-persuni li jivvantaw dawk il-jeddijiet fuq id-depozitu huwa pregudizzjali sabiex tista` tiskatta l-procedura.**

**Li l-kredituri jkunu *__izjed minn zewg persuni__* ghandu jirrizulta fi stadju bikri u cioe` meta wara li jkun sar id-depozitu, kreditur jew aktar jitolbu l-izbank, u dik it-talba tkun opposta minn ta` l-inqas zewg kredituri ohra. F`dak l-istadju, u allura __qabel__ isir ir-rikors ghall-konkors, ikun diga` stabbilit l-ghadd tal-kredituri li qeghdin jirreklamaw il-flus depozitati jew li jopponu l-izbank ghaliex jippretendu li ghandhom kreditu kontra d-debitur, u li dak il-kreditu jippregradwa krediti ta` haddiehor. Jekk l-ghadd tal-kredituri fid-data tal-presentata tar-rikors ikun ta` tnejn jew inqas, il-procediment ma jistax jiskatta. Jekk l-ghadd ta` persuni jkun ta` izjed minn tnejn, il-procediment jista` jiskatta u n-numru ta` l-kredituri konkorrenti jista` anke jkompli jizdied, jekk jigu osservati s-subartikoli l-ohra tal-Art 416.**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (**__PA/PS__**) moghtija fis-27 ta` Jannar 2003 fil-procediment nru 469/1998 fl-ismijiet "**__Konkors tal-Kredituri ta` Joseph Ellul__**" (**__mhux appellata__**). Minnha sejra tislet dak li huwa rilevanti ghall-procediment tal-lum. Dak il-konkors kien istitwit minn Joseph Meli ghal JAV Services Station Limited bhala kreditur ta` Joseph Ellul.

Il-Qorti qalet hekk *inter alia* :-

*Din il-procedura giet istigata mill-fatt allegat fir-rikors tas-socjeta` JAV Service Station Limited li fl-atti tac-Cedola Numru 750/96 hemm flejjes sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kreditu taghha fil-konfront tad-debitur taghha Joseph Ellul, liema kreditu jinsab kononizzat b' sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta' l-20 ta' Novembru 1992 ;*

*Kif kien mistenni dina l-Qorti, diversament presjeduta, kienet ordnat li jsiru s-soliti avvizi konformement mad-dettami ta' l-Artikolu 416(1) tal-Kodici ta'*

*Organizzazzjoni u Procedura Civil relattiv ghal proceduri "Fuq il-Konkorsi". Dawn jidher li saru ...*

***Permezz ta' verbal fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 1999 dina l-Qorti hatret lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala kuratur. Dan minn naha tieghu nforma lill-Qorti b'nota ntavolata fis-27 ta' Novembru 2000 illi l-uniku konkorrent kienet biss is-socjeta` rikorrenti li ppromuoviet it-talba ghal konkors billi l-ebda haddiehor ma kkonkorra ;***

***Effettivament mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm kredituri ohra pretendenti. Dan nonostante li fir-rikors promotur taghha s-socjeta` rikorrenti kienet ippremettiet illi hi ma setghetx tizbanka l-ammont kanonizzat favur taghha "peress illi terzi persuni jidhrilhom li ghandhom jedd" fuq il-bilanc tas-somma depozitata ;***

*Kif gustament rilevat mill-imsemmi kuratur fis-Nota tieghu l-procedura ntentata ma tilhaqx u ma tissodisfax r-rekwizit baziku ta' l-Artikolu 416(1) tal-Kap 12 fis-sens illi l-konkors tal-kredituri jirrikjedi almenu izjed minn zewg persuni li jippretendu jeddijiet fuq il-flus depozitati ;*

*Effettivament is-socjeta` rikorrenti ma ressqet l-ebda prova dwar l-ezistenza ta' kredituri ohra li kellhom l-allegat jedd fuq id-depozitu jew bilanc tieghu. Li hu maghruf mill-korp tar-rikors promotur hu li anterjorment ghall-prezentata ta' din il-procedura kienu gja gew zbankati diversi ammonti ta' flejjes mis-somma inizjalment depozitata. Dan forsi jispjega ukoll u ahjar il-fatt illi ma kienx ghad fadal kredituri x'jikkonkorru ;*

***Dan kollu premess iwassal ghall-unika konkluzjoni possibbli. Jigifieri li l-procedura intentata mis-socjeta` rikorrenti saret "per inutile" u ma setghetx allura tigi attivata in kwantu, kif manifest, l-element <u>essenzjali</u> taghha ma jokkorrix ...***

*Ghal dawn il-motivi mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha jew taghti provvedimenti ulterjuri kif mitlub, anke ghaliex, kif premess, il-procedura ntentata minn Joseph Meli nomine saret inutilment u ai termini ta' l-Artikolu 416 tal- Kap. 12* ***<u>il-konkors tal-kredituri rikjest minnu ma huwiex konsentit</u>****. L-ispejjez tal-prezenti procedura huma a kariku ta' l-istess Joseph Meli nomine.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>Risultanzi</u>**

Abbazi tal-provi akkwiziti, irrizulta li s-socjeta` rikorrenti hija kreditur privileggjat tad-debitur Lee Nathan Mayne. Il-kreditu taghha huwa privilegg *ope legis* bis-sahha tal-Art 2009(d) tal-Kap 16. Li Michael Attard Limited ghandha dan il-privilegg, kif ukoll il-quantum tal-kreditu taghha mhux biss irrizulta ppruvat izda lanqas ma jidher li huwa kontestat fil-mertu mill-kreditur l-iehor u cioe` Bank of Valletta plc li ghandha ipoteka kontra l-istess debitur. M`ghandux ikun hemm l-icken dubju li l-privilegg li rrizulta li ghandha Michael Attard Limited jigi qabel l-ipoteka ta` Bank of Valletta plc li jaghti l-jedd li Michael Attard Limited li tithallas hi l-ewwel.

Dwar dan kollu tista` tghid illi la hemm u lanqas ghandu jkun hemm kontestazzjoni.

Il-kwistjoni li nqalghet, <u>insidjuza tassew</u>, hija jekk kellhiex il-jedd Michael Attard Limited li taghti bidu ghall-procedura tal-konkors meta fil-kaz tal-lum irrizulta li fid-data tal-presentata tar-rikors l-ghadd ta` l-kredituri ta` Lee Nathan Mayne kienu tnejn : Michael Attard Limited u Bank of Valletta plc : u dawk biss. Li hekk kien il-kaz jirrizulta kemm mill-fatt li l-unika opposizzjoni ghall-izbank saret minn Bank of Valletta plc kif ukoll mill-fatt illi ghall-fini tas-subartikolu (4) tal-Art 416 l-uniku kreditur ezekutant li Michael Attard Limited hadet hsieb li tinnotifika bir-rikors tal-konkors ma kien hadd hlief Bank of Valletta plc. Ma tressqet l-ebda prova li kien hemm haddiehor li kien ukoll kreditur ta` Lee Nathan Mayne. Fic-cirkostanzi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kienet prekluza milli taghti bidu ghall-konkors tal-kredituri skond l-Art 416(1) tal-Kap 12 meta rrizulta kemm qabel kif ukoll wara l-presentata tar-rikors li l-kredituri kienu tnejn **<u>u mhux izjed minn tnejn</u>**.

Kif svolgew il-fatti fil-kaz tal-lum, il-Qorti ma tistax tipprovdi dwar it-tielet talba tas-socjeta` rikorrenti b`mod favorevoli ghaliha, ladarba dik it-talba bhall-ohrajn saret fil-kuntest tal-procedura kontemplata bl-Art 416 tal-Kap 12. Fl-istess waqt din il-Qorti mhijiex tara li s-socjeta` rikorrenti hija sprovvista minn rimedju alternattiv. Bil-posizzjoni li hadet Bank of Valletta plc fil-procediment tal-lum m`ghandux ikun hemm l-icken dubju li rikors ghal zbank tad-depozitu abbazi tal-privilegg mhux se jkun oppost minn Bank of Valletta plc ladarba rrizulta li l-kreditu taghha jippregradwa dak ta` Bank of Valletta plc., u allura l-izbank ikun akkordat a favur tas-socjeta` rikorrenti.

Tibqa` l-kwistjoni tal-ispejjez ta` dan il-procediment.

Fejn jirrigwarda Michael Attard Limited, il-Qorti hija tal-fehma li hija tbati l-ispejjez taghha tenut kont illi b`zewg kredituri biss konkorrenti ma setghetx tmur ghall-procedura skond l-Art 416 tal-Kap 12.

Fl-istess waqt il-Qorti mhijiex tikkondividi l-posizzjoni ta` Bank of Valletta plc li m`ghandha tbati xejn mill-ispejjez ta` din il-kawza. Fl-istadju tar-rikors ghall-izbank, ladarba kienet notifikata bir-rikors bhala *persuna nteressata,* kien jinkombi fuqha l-obbligu li qabel tiddeciedi li topponi l-izbank, tistharreg sewwa l-fatti li wasslu kreditur iehor bhalha tal-istess debitur li jitlob l-izbank. Bank of Valletta plc kienet ben konxja tal-fatt illi bl-opposizzjoni taghha, it-talba ghall-izbank kienet sejra tkun michuda. Anke jekk it-terminu biex twiegeb kien qasir, ma kienx hemm involuta *xi ricerka ntensiva* biex tkun taf in-natura tal-kreditu ta` Michael Attard Limited, anke jekk fir-rikors taghha ma kienx indikat fl-ispecifiku n-natura tal-kreditu taghha. Ghalhekk mhijiex kondivisa l-fehma ta` Bank of Valletta plc li sabiex saret taf li kien hemm privilegg kellha tkun il-procedura tentata minn Michael Attard Limited skond l-Art 416 tal-Kap 12 li tisvela dan. Tghid ghalhekk il-Qorti illi Bank of Valletta plc ghandha tbati l-ispejjez taghha tenut kont tal-assjem ta` fatti u cirkostanzi tal-kaz.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tieni talbiet tas-socjeta` rikorrenti ;**

**Tichad it-tielet talba tas-socjeta` rikorrenti ;**

**Riferibbilment ghar-raba` talba, tordna lis-socjeta` rikorrenti u lis-socjeta` Bank of Valletta plc sabiex ihallsu l-ispejjez rispettivi taghhom.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------